VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,920, 25 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 162 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Dental Technology taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

L-Applikabilità

1. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Dental Technology fil-Fakultà tal-Kirurġija Dentali li jibda f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Għażla tal-Applikanti

2. Meta l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu fil-kors ikun limitat mis-Senat skont id-dispożizzjonijiet tal-ordinament 5 tal-Ordinamenti tal-2012 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Dental Technology, u l-għadd ta' applikanti eliġibbli għall-kors jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-għażla tal-applikanti ssir skont il-kriterji mniżżla fl-ordinament 3 ta' dawn l-ordinamenti.

Il-Kriterji għall-Għażla

3. (1) L-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għad-dħul fil-kors skont kif imniżżla fl-ordinamenti tal-kors għandhom ikunu magħzula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont il-kategoriji li ġejjin, imniżżla fl-ordni tal-preferenza:

L-ewwel kategorija:	dawk bi grad 'A' fil-Kimika u grad 'A' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
It-tieni kategorija:	dawk bi grad 'A' fil-Kimika u grad 'B' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika

B 1388

It-tielet kategorija:	dawk bi grad ‘A’ fil-Kimika u grad ‘Ċ’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Ir-raba’ kategorija:	dawk bi grad ‘A’ fil-Kimika u grad ‘D’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad ‘B’ fil-Kimika u grad ‘A’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Il-ħames kategorija:	dawk bi grad ‘A’ fil-Kimika u grad ‘E’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad ‘B’ fil-Kimika u grad ‘B’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Is-sitt kategorija:	dawk bi grad ‘B’ fil-Kimika u grad ‘Ċ’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Is-seba’ kategorija:	dawk bi grad ‘B’ fil-Kimika u grad ‘D’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Kimika u grad ‘A’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
It-tmien kategorija:	dawk bi grad ‘B’ fil-Kimika u grad ‘E’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Kimika u grad ‘B’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Id-disa’ kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Kimika u grad ‘Ċ’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
L-għaxar kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Kimika u grad ‘D’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad ‘D’ fil-Kimika u grad ‘A’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Il-ħdax-il kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Kimika u grad ‘E’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad ‘D’ fil-Kimika u grad ‘B’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika

VERŻJONI ELETTRONIKA

It-tnax-il kategorija:	dawk bi grad 'D' fil-Kimika u grad 'Ċ' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
It-tlettax-il kategorija:	dawk bi grad 'D' fil-Kimika u grad 'D' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad 'E' fil-Kimika u grad 'A' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
L-erbatax-il kategorija:	dawk bi grad 'D' fil-Kimika u grad 'E' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad 'E' fil-Kimika u grad 'B' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
It-ħmistax-il kategorija:	dawk bi grad 'E' fil-Kimika u grad 'Ċ' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
It-sittax-il kategorija:	dawk bi grad 'E' fil-Kimika u grad 'D' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Is-sbatax-il kategorija:	dawk bi grad 'E' fil-Kimika u grad 'E' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika

(2) L-applikanti li jkollhom ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jistgħu joffru ċ-ċertifikat li għaddew fil-Kimika u ċ-ċertifikat li għaddew fil-Bioloġija jew fil-Fiżika jew bħala parti mir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jew b'żieda mar-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul.

(3) Meta l-applikanti joffru aktar minn ċertifikat wieħed li għaddew fil-Kimika jew fil-Bioloġija jew fil-Fiżika, għandu jitqies l-aħjar grad.

(4) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali kollha għad-dħul fil-kors sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

(5) Jekk l-għadd tal-applikanti eliġibbli li jaqgħu fl-aħħar kategorija tal-applikanti eliġibbli biex jidħlu fil-kors skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 ikun tali li n-numru totali tal-applikanti biex jidħlu jaqbeż l-għadd ta' postijiet stabbilit mis-Senat, l-ewwel konsiderazzjoni għandha tingħata lil dawn:

(a) il-grad globali miksub fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola mill-applikanti f'dik il-kategorija; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) jekk dan ma jkunx biżżejjed, l-applikanti eliġibbli li jaqgħu f'dik il-kategorija għandhom ikunu intervistati minn Bord tad-Dħul *ad hoc* maħtur mis-Senat sabiex jimtela/jimtlew il-post jew il-postijiet li jifdal.